MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Numru 197/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Stephen Mallia**
**vs**
**Lee Cortis, Josef Agius, Kurt Mizzi**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Lee Cortis ta’ 9-il sena iben Saviour u Maria nee` Camilleri, imwieled fil-Pieta` fit-12 ta’ Settembru 1986 u li joqgħod fil-fond ‘Dream Cottage’, tal-Kanuni, limiti tar-Rabat Malta, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 516286(M)**

**U**

**Josef Agius ta’ 17-il sena, iben Carmelo u Rosanna nee` Vella, imwieled fil-Pieta` fit-28 ta’ Frar 1989 u li joqgħod fil-fond Blokk C, Nru 9, Binja Qlejgħa, Mtarfa, Detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 124089(M)**

**U**

**Kurt Mizzi ta’ 16-il sena iben Victor u Maria Anna nee` Galea, imwieled fil-Pieta` fit-3 ta’ Mejju 1989 u li joqgħod fil-fond Blokk A, Flat 2, Binja Buqana, Triq it-Torri tal-Arloġġ, Mtarfa, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 205889(M)**

**Akkużati talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda u cioe`**

**(1) talli bejn l-10 u l-11 ta’ Mejju 2005, bil-lejl, fil-Qawra, ikkommettew serq ta’ mutur tal-marka Suzuki 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAN 256, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-mitt Lira Maltin (LM 100), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta’ Carmel Cassar minn San Pawl il-Baħar.**

**(2) U talli f’xi żmien matul ix-xahar ta’ Lulju 2005, f’San Ġiljan, ikkommettew serq ta’ pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru GBB 551 minn fuq mutur tal-marka Peugeot, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta’ Lorry Naudi minn Ħal-Balzan u ta’ John Farrugia f’isem il-kumpanija ‘Cycle World Limited’ tal-Ħamrun.**

**(3) U talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkustanzi, u f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gżejjer f’dawn l-aħħar xhur, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe` fuq mutur tal-marka Suzuki 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAN 256m u fuq pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru GBB 155, liema ħsara teċċedi l-ħamsin Lira Maltin (LM 50) iżda hi anqas min ħames mitt Lira Maltin (LM 500), għad-detriment ta’ Carmel Cassar minn San Pawl il-Baħar u ta’ Lorry Naudi minn Ħal-Balzan u ta John Farrugia f’isem il-kumpanija ‘Cycle World Limited’ tal-Ħamrun.**

**(4) U talli fis-27 ta' Frar 2006, għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu, u fil-jiem u xhur ta' qabel, fil-Mosta u f'inħawi differenti f'dawn il-Gżejjer, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom jew għal ħaddieħor, f'xi document maħsub għal xi awtorita` pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz billi waħħlu pjanċi tar-reġistrazjoni foloz bin-numru GBB 551 li kien alterat biex jaqra GPB 501 fuq mutur tal-għamla Suzuki 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali FAN 256**

**(5) U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamlu użu minn xi document ieħor iffalsifikat billi waħħlun-numru tar-reġistrazzjoni falz bin-numru GBB 551 li kien alterat biex ġie jaqra' GPB 501, fuq mutur tal-għamla Suzuki 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali FAN 256.**

**(6) U talli fl-istess data, lok ħin u ċirkustanzi, għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi ħolqu pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlu dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement għamlu użu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe` minn pjanċi tar-reġistrazzjoni bin-numru oriġinali GBB 551, billi ġew alterati biex ġew jaqraw GPB 501**

**(7) U talli f'dawn l-aħħar xhur f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħhuhom jew imexxuhom.**

**(8) U talli f’dawn l-aħħar xhur f’dawn il-Gżejjer, malli saru jafu li xi ħaġa li kienet fil-pussess tagħhom kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b’qerq jew akkwistata b’reat, naqsu li jgħarrfu lill-Pulizija b’dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kien hekk saru jafu.**

**(9) U talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkustanzi, u cioe` fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Mejju 2005 u fil-jiem u xhur ta’ wara, u/jew fil-jum tas-27 ta’ Frar 2006, fil-Qawra u fil-Mosta, u f’inħawi differenti f’dawn il-gżejjer, saqew l-imsemmi mutur tal-marka Suzuki 125 li għandu numru tar-reġistrazzjoni oriġinali FAN 256, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta’ l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saqew l-istess mutur mingħajr ma kellhom liċenzja speċifikata biex isuqu l-imsemmi mutur, u b’hekk ma kienux koperti b’polza ta’ l-assikurazzjoni għar-riskji ta’ terzi persuni.**

**Lil Kurt Mizzi waħdu talli:**

**(10) Fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, u cioe` fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Mejju 2005 u fil-jiem u xhur ta’ wara, mngħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b’xi mod li jkun bagħbas, neħħa jew biddel jew għamel numru ta’ l-identifikazzjoni ta’ chassis jew makna ta’, jew fuq, vettura bil-mutur, u cioe` fuq mutur tal-marka Suzuki 125 bin-numru tar-reġistrazzjoni FAN 256, billi ħassar n-numru tax-chassis stampat li kien jaqra 817531**

**(11) U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, u anke fit-28 ta’ Frar 2006 għall-ħabta tal-għaxra ta’ filgħodu u fix-xhur ta’ qabel, fl-Imtarfa, fil-Mosta u f’inħawi differenti f’dawn il-Gżejjer, saq vettura tal-marka Mazda 323F bin-numru tar-reġistrazzjoni FAS 234, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta’ l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu liċenzja speċifikata biex isuq l-imsemmija vettura, u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ l-assikurazzjoni għar-riskji ta’ terzi persuni.**

**Lil Josef Agius u Kurt Mizzi waħedhom talli:**

**(12) Irrendew wriehom reċedivi ai termini ta' l-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li nstabu ħatja b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula**

**(13) U talli kisru l-provediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza datata 6 ta' Lulju 2004, fejn l-istess Josef Agius u Kurt Mizzi kienu misjuba ħatja ta' serq aggravate u ġew illiberati u mpoġġija taħt ħarsien ta' probation officer, bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tliet snin.**

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid tal-imputati li jġibu n-numri 5162 tas-sena 1986(Lee Cortis), 1240 tas-sena 1989(Josef Agius) u 2058 tas-sena 1989 (Kurt Mizzi), il-fedini penali tal-imputati (a fol 9 et), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 28),il-kunsens tal-imputati sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 14, 15, u 16), l-istqarrija ta' Kurt Mizzi (fol 37), it-tieni stqarrija ta' Kurt Mizzi (fol 39), l-istqarrija ta' Lee Cortis (fol 43), l-istqarrija ta' Josef Agius (fol 46), l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għar-relaxx tal-mutur (fol 70), is-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Josef Agius u Kurt Mizzi (fol 74) fis-6 ta' Lulju 2004 (probation ta' tliet snin), is-serje ta' ritratti (fol 78), l-eżenzjoni tad-difiża milli l-Prosekuzzjoni ttellea' x-xhud PC 687 Brian Wood li ħa r-ritratti, id-dikjarazzjoni tad-difiża kolleġġjalment li biha eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lis-Surġent u lill-Kuntistabbli li għamlu r-rapporti kif ukoll lix-xhud PC687 Brian Wood li ħa r-ritratti (fol 107), il-current incident report (fol 110), il-log book a fol 118, il-current incident report a fol 131, id-dokument MF ippreżentat mill-Probation Officer Mary Rose Farrrugia (fol 151), it-talba tad-difensur sabiex tippreżenta nota ta' l-osservazzjonijiet li l-Qorti laqgħet iżda l-ebda nota ma kienet ippreżentata fl-atti, id-dikjarazzjoni magħmula mid-difiża li ma kienx hemm għalfejn tittella' s-sentenza li

għaliha kienet saret referenza fil-verbal tat-2 ta’ Diċembru 2009.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri ta’ Josef Agius u Kurt Mizzi.

Ikkonsidrat

Skond il-Prosekuzzjoni, nhar is-27 ta’ Frar 2006 il-Pulizija raw mutur suspettuż misjuq minn Lee Cortis li malli ra lill-Pulizija ħalla l-mutur u ħarab. Irriżulta li kien mutur misrqu bejn l-10 u l-11 ta’ Mejju 2005 lil ċertu Carmel Cassar. Il-mutur suppost li kellu n-numru tar-reġistrazzjoni FAM 256 iżda n-numru kien falsifikat u kien jaqra GPB 501 iżda filfatt suppost li kellu n-numru GBB 551. Fil-fatt il-mutur GPB 501 ma kienx jeżisti mal-awtoritajiet tal-liċenzji.

Il-Pulizija kien raw lil Kurt Mizzi jsuq Mazda meta Kurt Mizzi kien għadu ma kellux liċenzja tas-sewqan. (fol 31).

**Stqarrijiet ta’ Kurt Mizzi**

Kurt Mizzi stqarr li kien ra l-mutur Suzuki 125 blu għand Lee Cortis (fol 37). Huwa qal li ma kien jaf xejn dwar in-numri tar-reġistrazzjoni foloz. Huwa qal li l-mutur ma kienx għandu. Qal ukoll li Lee gideb u li ma kienx jaf li l-mutur kien misruq minn San Pawl il-Baħar.

**It-Tieni Stqarrija ta’ Kurt Mizzi**

Fit-tieni stqarrija tiegħu l-imputat Kurt Mizzi qal li kien inqabad isuq karozza Mazda 323 F ħamra fil-Mosta bla liċenzja tas-sewqan.

Kurt Mizzi ammetta l-involviment tiegħu fis-serqa tal-mutur Yamaha 125 blu bin-numru tar-Reġistrazzjoni FAN 256 u li kien insteraq f’Mejju 2005 fil-Qawra. (fol 40). Huwa semma n-nies li kienu involuti

Huwa ammetta wkoll li kien saq il-karozza Mazda meta ma kellux liċenzja.
Huwa ammetta li kien iwweldja mill-ewwel fuq ix-chassis number biex ma jiġix jidher. (fol 41)

Huwa kien sprejja l-GBB 155 waħdu.

Huwa ċaħad li kien għamel il-pjanċi foloz.

**L-Istqarrija ta' Lee Cortis**

**Lee Cortis ammetta li nqabad isuq il-mutur blu Suzuki 125 u li għandu r-reġistrazzjoni FAN 256 misruq li kellu pjanċi foloz.**

**Huwa kien ġabu mill-Mosta minn għand Kurt Mizzi. (fol 44). Huwa qal li ħadd ma kien qallu li serquh billi użaw il-cutter. Biss hu kien mar ma' Kurt Mizzi u Josef biex iġibuh minn għalqa u kienu qalulu li kienu serquh.**
L-Imputat qal li hu ma kienx jaf li l-pjanċi kienu falsifikati.

Huwa ammetta li ma kellux liċenzja tas-sewqan tal-mutur.

Għalkemm kien jaf li l-mutur kien misruq, xorta użah.

Huwa qal li kien involut fis-'serq' ta' dan il-mutur u tal-muturi l-oħra li kien investigah qabel f'Settembru.

Huwa nnega li kien sprejja l-mutur jew li ffalsifika n-numri. **Huwa nnega wkoll li kien seraq il-pjanċi.**

Lee Cortis kien ċempillu biex jieħu dan il-mutur. Semma wkoll ismijiet ta' nies oħra li kienu nvoluti fil-serqa tal-mutur u min ġab il-cutter.

**L-Istqarrija ta' Josef Agius**

**Josef Agius ammetta li kien involut fis-serqa tal-mutur Yamaha 125 blu bin-numru tar-reġistrazzjoni FAN 256**

**linsteraq f'Mejju 2005. Huwa kien uża l-cutter sabeix jaqta' l-katina li biha kien marbut il-mutur.**

**Huwa ammetta wkoll li m'għandux liċenzja biex isuq il-mutur.**

**Huwa nnega li kien ħassar in-numru tax-chassis.**

**Huwa nnega li kien involut fis-serq ta' muturi oħra jew li seraq li pjanċi (fol 48). Lanqas kien jaf min għamel il-pjanċi ta' fuq il-mutur.**

A fol 83 xehed Christopher Darmanin għan-nom tad-Direttorat tal_liċenzji u Testijiet dwar il-mutur FAN 256 tal-għamla Suzuki 125 ta' kulur blu. Mit-23 ta' Awwissu 200 saL-15 ta' Novemberu 2006 dan kien jgħajjat lil ċertu Carmel Cassar minn San Pawl il-Baħar. Il-liċenzja skadiet fl-aħħar ta' Ġunju 2005.

Ix-xhud għamel riċerka wkoll dwar mutur tal-għamla Peugeot Scooter ta' kulur silver li mis-6 ta' Settembru 2006 kien jgħajjat lil ċertu John Mamo għan-nom ta' Cycle World Limited. Il-liċenzja kienet tagħlaq f'Lulju 2007.

Il-pjanċa GBP 501 ma kentix teżisti fis-sitema tagħhom.

Qatt ma kellhom rapporti li kien insteraq il-mutur FAN 256.

Rigward GBB 551 fl-1 ta' Lulju 2005 kien mar is-sur John Farrugia għan-nom ta' Cycle world li ħa ġurament li kienet intilfet il-pjanċa GBBB 551. Kienet ħarġet pjanċa oħra bl-istess numru.

Carmel Cassar xehed li kien iħalli l-mutur Suzuki 125 ER FAN 256 ċelesti fil-blu ipparkjat taħt il-flat tiegħu. Filgħodu qam u sab il-katina maqtugħa. Meta kien muri r-ritratti huwa għaraf il-mutur tiegħu iżda qal li kien miżbugħ. Huwa kien għaraf li kien il-mutur tiegħu għaliex jekk tgħollilu s-seat ssibu kollu msaddad. In-numru tal-magna jaqbel ma' ta' fuq il-log book.

Xehed PC 930 Ivan Cilia li spjega fis-27 ta' Frar 2006 hu u sħabu kienu raw mutur suspettuż Suzuki 125. Għalkemm għamlu sinjal lis-sewwieq biex jieqaf, dan baqa' għaddej sakemm il-Pulziija qabduh. (fol 92). Il-persuna kienet Lee Cortis, l-imputat. (fol 93). L-imputat qal li kien xtara l-mutur. (Ara wkoll ix-xhieda ta' PS 343 Glenn Carabott a fol 126 et seq). Fil-Kwartieri tal-Pulizija bdew jgħidulu li n–numru GBB 401 ma jikkorrispondix mar-records tagħhom (fol 129)).

L-Ispettur Stephen Mallia ippreżenta numru tar-reġistrazzjoni ta' mutur li oriġinalment kien iġib in-numru GBB 551 pero' mad-daqqa t'għajn dan in-numru jindika GPB 501 (fol 95).

Xehed ukoll John Farrugia li kien jaħdem mas-Cycle World li esibixxa l-log book ta' Peugeot Scooter li kien inħadem fis-sena 2002

Xehed ukoll Louie Naudi li qal li hu kien isuq il-mutur Peugeot GBB 551 li kien reġistrat fuq John Mamo. Huwa kien jgħallem il-Business English fi skola ġewwa San Ġiljan u meta ħareġ kien ra li n-number plate tal-mutur kien nieqes. Huwa ta d-data bħala s-sena 2005. (fol 120).

L-Ispettur Michael Mallia xehed li kien qed jagħraf lil Joseph Agius u lil Kurt Mizzi bħala tnejn mill-imputati li kienu fis-sentenza a fol 74 et (ordni ta' Probation).

**Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi fil-25 ta' Ġunju 2008.**

**Difiża**

L-Ispettur Stephen Mallia xehed li fl-istqarrija Kurt Mizzi kien qal li t-tibdil fin-number plat GBB 551 ma kienx għamlu hu (Kurt Mizzi). Iżda kien ammetta tbagħbis fix-chassis number tal-istess mutur. Kurt Mizzi kien ammetta s-serqa tas-Suzuki 125 Fan 256. (fol 139). Kurt Mizzi huwa akkużat dwar is-serq ta' mutur wieħed. Il-mutur huwa Suzuki 125 u mhux Yamaha. Fl-imputazzjoni mutur Yamaha ma jinkwadrax. Lee Cortis kien jaf li l-mutur insteraq minn San Pawl il-Baħar.

Xehdet Mary Rose Farrugia li ppreżentat Social Inquiry Report fuq Kurt Mizzi. Hija qalet li l-imputat illum kien għamel progress. Issa qed jerfa' wkoll ir-responsabilita' tal-familja ġdida li għandu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Punt ta' Liġi**

Skond l-artikolu 661 tal-Kap 9:

'Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.'

Għalhekk il-Qorti, wara li eżaminat l-istqarrijiet ippreżentati mill-Prosekuzzjoni, jkollha toqgħod fuq dak li qal kull imputat **dwaru nnifsu** biss u mhux dwar dak li qal dwar ħadd ieħor.

**Fil-konfront ta' Joseph Agius.**

Dan l-imputat kien għadu taħt it-tmintax-il sena u għalhekk japplika l-artikolu 37 tal-Kap 9. Mill-istqarrija tiegħu jirriżulta li hu kien involut fis-serq ta' mutur Yamaha (Suzuki) 125 blu bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali FAN 256. Kien huwa li qata' l-katina li biha kien marbut il-mutur Suzuki 125 blu. Kien saq il-mutur Huwa qal li liċenzja għall-mutur ma għandux.
Għalhekk jirriżulta li l-imputat ħuwa ħati tal-ewwel imputazzjoni u tad-disa' imputazzjoni. Dwar l-imputazzjoni numru 12 (l-addebitu dwar ir-reċidiva), l-imputat ma jistax jitqies li huwa reċidiv għaliex is-sentenza esibita hija dwar probation li ma titqies għar-reċidiva. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

Dwar l-imputazzjoni numru 13 – ksur tal-artikolu 7 tal-Kap 446, il-Qorti qed tqis li s-sentenza mogħitja a fol 74 kienet ingħatat fis-6 ta' Lulju, 2004. Il-probation kellu ddum tliet snin . L-allegat serq u sewqan ta' mutur bla liċenzja sar bejn l-10 u l-11 ta' Mejju 2005 u għalhekk l-imputat

wettaq dawn ir-rati waqt iż-żmien tal-Probation. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat Josef Agius ħati ta’ din l-imputazzjoni (numru 13). Artikolu 23(1)(a)(2) tal-Kap 446.

Il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet 7 u 8 għax dawn huma alternattivi għall-ewwel imputazzjoni.

Mill-bqija l-Qorti qed tillibera lill-imputat Josef Agius mill-imputazzjonijiet numru 2, 3, 4, 5, 6, 10 u 12 (l-addebitu tar-reċidiva) u mhix tieħu konjizzjoni tas-7 u t-8 imputazzjoni għaliex dawn huma alternattivi għall-ewwel imputrazzjoni.

**Fil-konfront ta’ Kurt Mizzi.**

**Għal dan l-imputat japplika wkoll l-artikolu 37 tal-Kap 9 minħabba li kien taħt l-eta’.**

Mill-ewwel stqarrija tiegħu ma jirriżulta xejn għaliex l-imputat nnega kollox.

Huwa ammetta li saq Mazda 323F bla liċenzja u mingħajr polza tas-sigurta’. (fol 39). Għaldaqstant, il-Qorti qed issibu ħati tal-imputazzjoni numru 11.

A fol 40 huwa ammetta li kien seraq il-mutur Suzuki 125 blu. Filfatt huwa mhux biss għen fis-serqa iżda wkoll żammu għandu.

Huwa ammetta li kien kien ħassar ix-chassis number u għamel xi welding fuqu.

Huwa ammetta li kien sprejja l-mutur waħdu.

Huwa m’ammettiex li kellu x’jaqsam man-numri tal-pjanċi foloz.

L-imputat kien saq il-mutur imsemmi wkoll kif jidher minn fol 41 tal-proċess. .

Dwar l-imputazzjonijiet 12 u 13, jgħoddu r-rimarki magħmula fil-konfront ta’ Josef Agius u għalhekk il-Qorti

qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni jew l-addebitu tar-reċidiva iżda qed issibu ħati li wettaq reat fi żmien ta' probation li ma kienx għadda.

L-imputazzjonijiet 7 u 8 huma alternattivi għall-ewwel imputazzjoni u għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni tagħhom.

Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikolu 37 tal-Kap 9, qed issib lill-imputat Kurt Mizzi ħati tal-ewwel, tat-tielet, tad-disa', tal-għaxar, tal-ħdax, u tat-tlettax-il imputazzjoni bit-tielet imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mill-imputazzjonijiet 2, 4, 5, 6, u 12 (l-addebitu ta-reċidiva) fuq nuqqas ta' provi waqt li mhix tieħu konjizzjoni tas-7 u tat-8 imputazzjoni li huma alternattivi għall-ewwel imputazzjoni.

**Fil-konfront ta' Lee Cortis**

Lee Cortis m'ammettiex li kien seraq il-mutur u l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi oħra dwar dan. Kien mar iġibu mill-għalqa minn fejn kienu telquh. Għalhekk ma jirriżultax li dan l-imputat kien preżenti waqt is-serqa. Barra dan ma jistax jitqies bħala kompliċi fis-serqa għax ebda wieħed mis-subparagrafi tal-artikolu 42 ma jgħodd għal dak li ġara wara li seħħet is-serqa. Għaldaqstant il-Qorit qed tilliberah mill-ewwel imputazzjoni.

Ma jirriżulta minn imkien li huwa seraq il-pjanċi tar-reġistrazzjoni. Għalhekk qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

La ma hemm prova li huwa għamel xi ħsara u għalhekk il-Qorti qed tilliberah mit-tielet imputazzjoni.

Lanqas hemm provi li kien Lee Cortis li waħħal il-pjanċi u għalhekk il-Qorti qed tilliberah mit-raba' imputazzjoni.

Il-Prosekuzzjoni naqset ukoll li ġġib prova li kien Lee Cortis li għamel xi falsifikazzjoni u għalhekk qed tilliberah mill-ħames impujtazzjoni.

Il-Qorti waslet għall-istess konklużjoni dwar is-sitt imputazzjoni u għalhekk qed tilliberah minn din l-imptuazzjoni.

**Għalkemm s-seba' imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel waħda, fil-każ ta' Lee Corti, mhix qed titqies hekk minħabba li hu ma nstax ħati tal-ewwel imputazzjoni għax ma seraqx hu personalment, iżda huwa laqa' għandu l-mutur li kien jaf li hu misruq u għalhkk il-Qorti qed issibu ħati ta' din l-imputazzjoni. .**

**Iżda peress li Lee Cortis kien jaf li l-mutur kien misruq u naqas li jirraporta b'dan lill-Pulizija qed issibu ħati tat-tmien imputazzjoni.**

**Ex admissis Lee Cortis ammetta li huwa saq il-mutur in kwistjoni u dan meta ma kellux liċenzja mill-Pulizija u lanqas ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Għaldaqstant il-Qorti qed issibu ħati tad-disa' imputazzjoni.**

**Konklużjoni**

**Fil-Konfront ta' Lee Cortis, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 28A, 261(a)(b)(ċ)(f)(g), 261(1)(b), 263(a), 267, 271(g), 276 u 277(b), 261(a)(b)(ġ), 261(b), 263(ċ), 271(a), 276 u 277(b), 325(1)(b), 188, 189, 183, 334(a), 261(ċ), 267, 279(a), 334A tal-Kap 9 u l-artikoli 3(1)(2) tal-Kap 104 u 15(1)(a) tal-Kap 65 qed issib lill-imputat ħati tas-7, 8 u 9 imputazzjoni bid-disa' imputazzjoni assorbita fit-tmien imputazzjoni ai fin ital-arftikolu 17(h) tal-Kap 9 u qed tikkundannah għal ħames xhur priġuerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal sentejn sakemm huwa ma jwwettaqx reat ieħor matul dan il-perjodu u qed tilliberah mill-ewwel, mit-tieni, mit-tielet, mir-raba', mill-ħames u mis-sitt imputazzjoni u qed tikkundannah  għall-ħlas ta' multa ta' €2444 liema multa tista' titħallas b'rati ta' 100 Ewro kull erba'**

**ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel skond il-Liġi. Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A tal-Kap 9 lill-imputat fi kliem sempliċi.**

**Fil-konfront ta' Josef Agius, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 37, 261(a)(b)(ċ)(f)(g), 261(1)(b), 263(a), 267, 271(g), 276 u 277(b), 261(a)(b)(ġ), 261(b), 263(ċ), 271(a), 276 u 277(b), 325(1)(b), 188, 189, 183, 334(A), 261(ċ), 267, 279(a), 334A tal-Kap 9 u l-artikoli 3(1)(2) tal-Kap 104 u 15(1)(a) tal-Kap 65, 49, 50, 289 tal-Kap 9 u l-artikolu 7 u 23 tal-Lap 446 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tad-disgħa u tat-tlettax 13 l-imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni, mit-tielet, mir-raba', mill-ħames, mis-sitt, mill-għaxra u mit-tnax l-imputazzjoni u mhix tieħu konjizzjoni tas-7 u tat-tmien imputazzjoni li huma alternattiva għall-ewwel imputazzjoni. Qed tikkundannah iħallas amenda komplessiva ta' €94 (imputazzjoni numru 9 b'applikazzjoni tal-artikolu 37), waqt li għall-ewwel u għat-13 l-imputazzjoni ( serq ġdid u ksur ta' ordni ta' probation wara serq) u dan b'serq ieħor effettwat 14-il xahar biss wara li ngħatat il-Probation li kellha ddum fis-seħħ tliet snin (b'applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) u 37 tal-Kap 9) qed tikkundanna lill-imputat għal 9 xhur priġunerija.**

**Fil-konfront ta' Kurt Mizzi, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 37, 261(a)(b)(ċ)(f)(g), 261(1)(b), 263(a), 267, 271(g), 276 u 277(b), 261(a)(b)(ġ), 261(b), 263(ċ), 271(a), 276 u 277(b), 325(1)(b), 188, 189, 183, 334(a), 261(ċ), 267, 279(a), 334A tal-Kap 9 u l-artikoli 3(1)(2) tal-Kap 104 u 15(1)(a) tal-Kap 65, 298D tal-Kap 9, l-artikoli 3(1)(2) tal-Kap 104 u 15(1)(a) tal-Kap 65 (imputazzjoni numru 11) , l-artikoli 49, 50, 289 tal-Kap 9 u l-artikolu 7 u 23 tal-Kap 446 issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, tat-tielet, tad-9 imputazzjoni, tal-għaxar mputazzjoni, tal-ħdax 11 u tat-tlettax l-imputazzjoni, bit-tielet imputazzjoni assorbita fl-għaxar imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni, mir-raba' imputazzjoni, mill-ħames imputazzjoni, mis-sitt**

**imputazzjoni u mit-tnax-l-imputazzjoni (l-addebitu tar-reċidiva) waqt li mhix tieħu konjizzjoni tas-7 u tat-8 imputazzjoni li huma alternattivi għall-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti qed tikkundanna lil Kurt Mizzi għall-ħlas ta' ammenda komplessiva €246.50[1] waqt li għall-ewwel u għat-13 l-imputazzjoni (serq ġdid u ksur ta' ordni ta' probation wara serq) u dan b'serq ieħor effettwat 14-il xahar biss wara li ngħatat il-Probation li kellha ddum fis-seħħ tliet snin (b'applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) u 37 tal-Kap 9) qed tikkundanna lill-imputat għal 9 xhur priġunerija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Applikazzjoni tal-artikoli 37 għat-tliet multi.